**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Andreas Buhagiar**

**Kumpilazzjoni Numru: 83/18**

**Illum, 11 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Andreas Buhagiar detentur tal-karta tal-identita` numru 256093M gie akkuzat talli fl-14 ta' Jannar 2018 u fil-jiem ta' qabel din id-data, gewwa fond San Filippo Confectionery, sitwat fi Triq San Edwardu, Hal Qormi;

1. B'qerq ghamel, biddel jew iffalsifika xi flus, jew qieghed fic-cirkolazzjoni xi flus falsifikati li kien jaf li huma falsifikati;

U aktar talli ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erbgha snin, moghtija mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar it-30 ta' Lulju 2017.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti esebiti;

Biss il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk, fil-waqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htioega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, giet mitluba sabiex qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, skond ma jkun jenhtieg mill-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fil-Artikolu 188F tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Innutat li fis-Seduta tal-lum l-imputat iddikjara li huwa hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikolu 188B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni u stante li l-imputat illum-il gurnata qed jiehu kura ghad-dipendenza tieghu bi programm appozitu qed issib lill-istess imputat Andreas Buhagiar hati u tikkundannah Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tliet (3) snin ghall-ewwel (1) akkuza

kif ukoll tordna li s-sentenza sospiza datata tletin (30) ta' Lulju, elfejn u sbatax (2017) mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D. terga' tibda tiddekorri mill-gdid.

Il-Qorti tordna wkoll li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**